MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 658/2007

**Talba Nru: 658/07VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334) u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2007, l'isem Maltacom p.l.c. inbidel ghal GO p.l.c. (C22334).

Vs

Philip Attard. (Id. 611564M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' mitjen u disgha u disghin Lira Maltin u zewg centezmi (Lm299.02) ekwivalenti ghal sitt mija u sitta u disghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€696.53) liema ammont huwa dovut

lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21581862 u 21572809, u minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba taghha bl-ammont ta' tletin lira Maltin (Lm30), stante pagament, sabiex b'hekk is-somma mitluba mis-socjeta' attrici hija dik ta' mitejn u disgha u sittin lira Maltin u zewg centezmi (Lm269.02).

Ra d-Digriet moghti minn dan it-Tribunal fit-28 ta' Novembru 2007.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u sitta u ghoxrin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€626.65), ekwivalenti ghal mitejn u disa u sittin Lira Maltin u zewg centezmi (Lm269.02), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------